MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' April, 2012

Talba Numru. 143/2012

**Perit Mariello Spiteri (K.I. 395865M)**
**Vs**
**Ritemix (Gatt Bros.) Ltd (C-2821)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur ppremetta li s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas ammont rapprezentanti l-prezz tas-servizzi rezi mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta fir-rigward ta’ TN0009/09 ‘Tender for the Reconstruction of part of Ta’ Pinu road, Gharb’, li baqa’ ma thallasx minkejja illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sahansitra permezz ta’ Ittra Ufficjali datata 5 t’April, 2011;  bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta nhar il-5 ta’ April 2011, u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta illi tibqa’ minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li nhar is-17 t'April, 2012 xehed l-attur u gie prezentat kapitolu fis-17 t' April, 2012 mill-Avukat Dr. Noella Sciriha w l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma t'elf disa' mija' wiehed u erbghin ewro sitta u disghin centezmu ( EUR 1, 941.96c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------